# L-ISTATWA TA' SAN ĠORĠ 250 SENA FOSTNA 1741 - 1991



Chev. Carmel Bianchi
Kt.A.S.G.M., Kt.O.ST.B.G.
President Onorarju

Il-Qormin huma magħrufin biżżejjed f'Malta għall-festa kbira li jagħmlu f'ġieh il-Qaddis tagħhom San Ġorġ. U dan jixhduh l-għadd kbir ta' nies li jiġu jifirħu magħna. Ma rridx ninsa nsemmi n-numru kbir ta' turisti li wkoll jiġu jgawdu din il-festa Ġorġjana. Mela jekk kull sena nagħmlu festa kbira, kemm aktar se nagħmlu din is-sena. Bħal ma naf li bosta minnkom tafu, din is-sena qegħdin niċċelebraw il-mitejn u ħamsin sena tal-vara majestuża ta' San Ġorġ. Din l-opra ta' arti kbira minquxa fl-injam mill-iskultur Qormi Pietru Feliċi. (1669-1743)

Din il-vara majestuża ta' San Ġorġ, iżżanżnet għall-ewwel darba fil-purċissjoni, il-Ħadd 23 ta' April, 1741. Il-poplu Qormi, ferħan se jtir, inġabar bi ħġaru fil-Knisja biex ikun preżenti għat-tberik ta' din l-istatwa. It-tberik kien sar is-Sibt 22 ta' April, 1741 lejlet il-festa, mill-Kappillan ħabbrieki Dun Ġużepp Vella, ( 1733-1776), fejn il-Qormin attendew ukoll għall-quddiesa. Il-permess biex toħroġ din il-vara ta' San Ġorġ, kien ingħata minn Reverendu Monsinjur Isqof Fra Pawl Alferan de Bussan.

Fir-Reġistru taż-Żwiġijiet Liber Matrimoniorum tas-Snin 1756-1803 f'paġna 395 V. hemm id-dettalji tan-nefqa tal-vara. Iżda billi l-ispazju huwa limitat, ma għandix fejn nista' nagħtikom id-dettalji tan-nefqa. Verament aħna l-Qormin, għandna għalfejn inkunu grati lejn Pietru Feliċi. Bil-ħila ta' jdejh, naqqxilna fl-injām, ġmiel ta' statwa titulari li tpaxxi lil kull min iħares lejha. Mhux ta' b'xejn aħna l-Qormin ngħożżuha bħala l-ġawhra tagħna.

Pietru Feliċi huwa iben Wistin u Grazzja nee' Mallia. Pietru twieled u tgħammed fil-Knisja ta' San Ġorġ Ħal Qormi nhar it-22 ta' Diċembru, 1669. Dan it-tagħrif jidher f'Liber Baptizatorum IV, 1634-1675. U miċ-ċertifikat tal-mewt irriżulta li Pietru Feliċi fl-aħħar snin ta' ħajtu, kien joqgħod il-Belt Valletta. L-iskultur miet fis-'Sacra Infermeria' nhar is-27 ta' Frar, 1743 fl-għomor ta' 74 sena. Din id-data tal-mewt tidher fl-artiklu ta' nteress kbir li kiteb Mons. Profs. Vincenzo Borg, li jismu, "Qormi and Siġġiewi - A Link Between Two Parishes",li kien ġie ppublikat f"The Sunday Times" tat-28 ta' Ġunju, 1981 f'paġna 8.

U biex infakkru din il-ġrajja storika għalina l-Qormin , se noffru lil San Ġorġ, sandli tad-deheb. Tul is-snin li l-vara ilha fostna, żejjiniha b'bosta opri sbieħ. Fost dawn ta' min isemmi, l-palma, ir-raġġiera, l-ġiżirana, bradella, bankun, dan is-sandli u affarijiet oħra. Dawn huma lkoll rigali sbieħ u jixirqulu tassew. Imma l-isbaħ rigal li jisboq lil dawn kollha, u San Ġorġ jieħu gost bih żgur, huwa qrara sinċiera u Tqarbina, almenu f'jum il-festa tiegħu.

Ejjew mela ħuti, ma mċaħdulux dan ir-rigal lil San Ġorġ. Ejjew nuruh li aħna Qriema maturi. Qormin li verament qalbna hija mimlija mħabba għal dak kollu li hu Qormi u ta' San Ġorġ. L-għaliex trid tkun faċċol u fariżew biex tgħajjat Viva San Ġorġ, u mbagħad f'qlabek tbejjed dak kollu li hu ta' San Ġorġ. U jekk disgrazzjatament hemm xi ħaġa' li tifridna, ejjew inwarrbuha darba għal dejjem. Inkomplu naħdmu biex f'qalbna nħallu jixxettel il-ward ta' l-imħabba. Dan il-ward diġa' jeżisti fostna, inkomplu inkabbruh. U b'wiċċna minn quddiem, immorru quddiem Ġorġi tagħna, u noffruhulu... jieħu gost bih ŻGUR. Imbagħad verament ikun jistħoqqilna li nissejħu ULIED SAN ĠORĠ.